MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 519/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**
**VS**
**RODERICK GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roderick Grech ta' 22 sena, bin Joseph u Giovanna Antida nee' Psaila, mwieled Pieta' fid- 19 ta' Ottubru 1990, residenti 24, Regency, Flat 2, Triq Marku Falzon, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- nurmu 497890M;

Talli;
1) f' dawn il- Gzejjer waqt li kien fi Vjal l- Indipendenza l- Mosta fl- 14 ta' Frar 2012 ghal habta ta' bejn l- 10.00pm u l- 10.30pm u fil- granet ta' qabel, ikkommetta serq ta' diversi affarjiet li jikkonsistu f' ikel,

xorb u helu li jammontaw ghal valur ta’ aktar minn €23.29 izda inqas minn €233.94 minn go vending machine ghad-detriment ta’ Diyonisius Deguara u/ jew is- socjeta’ Dentrade Co. Ltd liema serq huwa kkwalifikat bil- hin;
2) aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe vending machine ghad- detriment ta’ Diyonisius Deguara liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda inqas minn €1164.69;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 270, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta. Tordna hlas ta’ tlett mija w hamsa w tletin ewro (€335) fi zmien hames (5) xhur lil Dentrade Co Ltd. ai terminu tal- ARtikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------